



Brussell, 23 ta' Lulju 2025  
(OR. en)

11888/25

UD 172  
ECOFIN 1048  
CRIMORG 143  
DROIPEN 92  
EF 251  
ENFOCUSM 122

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

minn:	Is-Segretarju Ģeneralni tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Lulju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ģeneralni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 360 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1672 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar kontrolli fir-rigward ta' flus kontanti deħlin fl-Unjoni jew ħerġin mill-Unjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1889/2005 skont l-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 360 final.

---

Mehmuż: COM(2025) 360 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 8.7.2025  
COM(2025) 360 final

## RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

**dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1672 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar kontrolli fir-rigward ta' flus kontanti deħlin fl-Unjoni jew ħerġin mill-Unjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1889/2005 skont l-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament**

## 1. INTRODUZZJONI

Il-kriminali madwar l-Ewropa qed jużaw is-sistema finanzjarja b'mod li jipperikola s-sigurtà tal-UE u taċ-ċittadini tagħha. Hemm żewġ modi ewlenin kif il-kriminali jisfruttaw is-sistema finanzjarja. L-ewwel billi jittieħed ir-rikavat minn attivitá kriminali u jiġi introdott mill-ġdid fl-ekonomija leġittima (ħasil tal-flus). It-tieni billi l-flus jiġu ddevjati mill-ekonomija leġittima permezz tas-sistema finanzjarja għall-finanzjament ta' attivitá kriminali. Fil-kuntest tal-iskemi tal-ħasil tal-flus, il-flus kontanti (<sup>1</sup>) għadhom jidhru b'mod prominenti llum, skont l-aħħar valutazzjoni tat-theddid mill-kriminalità serja u organizzata tal-Europol tal-2025.

Ir-Regolament (UE) 2018/1672 dwar kontrolli fir-rigward ta' flus kontanti deħlin fl-Unjoni jew ħerġin mill-Unjoni (<sup>2</sup>) (ir-Regolament dwar il-Kontrolli fuq Flus Kontanti) jistabbilixxi regoli għall-protezzjoni tal-UE kontra l-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu minn operaturi froudenti li jistgħu jippruvaw jaqsmu l-fruntieri esterni tal-UE jġorru l-flus kontanti jew iċaqilqu l-flus kontanti permezz ta' mezzi oħra, sabiex jevitaw il-kontrolli tas-sistema finanzjarja formali.

Dan ir-rapport jippreżenta l-feedback miġbur mill-Kummissjoni dwar l-implementazzjoni tar-Regolament dwar il-Kontrolli fuq Flus Kontanti. Jissodisfa l-obbligu skont l-Artikolu 19 tar-Regolament dwar il-Kontrolli fuq Flus Kontanti, li jirrikjedi li l-Kummissjoni tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tar-Regolament.

## 2. SFOND ĠENERALI

### 2.1. Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (AML/CFT, anti-money laundering and combating the financing of terrorism) u l-aspetti internazzjonali

Ir-Regolament dwar il-Kontrolli fuq Flus Kontanti jistabbilixxi kontrolli fuq flus kontanti deħlin fl-UE jew ħerġin mill-UE. Huwa parti mill-qafas leġiżlattiv tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (AML/CFT) u jikkomplementa d-Direttiva (UE) 2015/849(<sup>3</sup>) u d-Direttiva (UE) 2018/1673 (<sup>4</sup>).

Barra minn hekk, ir-Regolament għandu l-għan li jindirizza r-Rakkmandazzjoni 32 dwar il-kurriera li jwasslu l-flus kontanti tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF, Financial Action Task Force). Bħala membru tal-FATF, il-Kummissjoni Ewropea hija impenjata li timplimenta r-

---

(<sup>1</sup>) Għal definizzjoni ta' flus kontanti, ara t-Taqsima 3.1. ta' dan ir-rapport.

(<sup>2</sup>) Ir-Regolament (UE) 2018/1672 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-23 ta' Ottubru 2018 dwar kontrolli fir-rigward ta' flus kontanti deħlin fl-Unjoni jew ħerġin mill-Unjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1889/2005, ĠU L 284, 12.11.2018, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1672/oj>.

(<sup>3</sup>) Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE, ĠU L 141, 5.6.2015, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2015/849/2024-07-09>.

(<sup>4</sup>) Id-Direttiva (UE) 2018/1673 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali, ĠU L 284, 12.11.2018, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2018/1673/oj>.

rakkomandazzjonijiet tal-FATF dwar l-iżvilupp u l-promozzjoni ta' standards ta' politika globali dwar l-AML/CFT, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak internazzjonali.

Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-kontrolli fuq flus kontanti ilha fis-seħħ mill-2005<sup>(5)</sup>. Din għiet rieżaminata darba fl-2018 biex jitqies l-iżvilupp ta' normi internazzjonali u l-qafas AML/CFT tal-UE, iżda wkoll biex jittieħed kont tal-prioritajiet tal-Kummissjoni skont il-pjan ta' azzjoni għall-finanzjament tat-terroriżmu tal-2016.

## 2.2. Leġiżlazzjoni dwar il-kontrolli fuq flus kontanti

Ir-Regolament dwar il-Kontrolli fuq Flus Kontanti daħal fis-seħħ bis-sħiħ fit-3 ta' Ġunju 2021 u ġiekk kkomplementat aktar bi:

- Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/776 tal-11 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi mudelli għal ċerti formoli kif ukoll regoli tekniċi għall-iskambju effettiv ta' informazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2018/1672 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kontrolli fuq flus kontanti deħlin fl-Unjoni jew ħerġin mill-Unjoni<sup>(6)</sup>;
- Id-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni C(2022)1801 tal-24 ta' Marzu 2022 li tistabbilixxi miżuri għall-applikazzjoni uniformi tal-kontrolli billi jiġu stabbiliti l-kriterji u l-standards komuni tar-riskju tal-movimenti ta' flus kontanti skont ir-Regolament (UE) 2018/1672 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kontrolli fuq flus kontanti deħlin fl-Unjoni jew ħerġin mill-Unjoni (mhux ippubblikata f'*Il-Ġurnal Ufficijal tal-Unjoni Ewropea* (ĠU) minħabba n-natura sensittiva u mhux klassifikata tagħha).

## 2.3. Kamp ta' applikazzjoni tar-rapport

Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament dwar il-Kontrolli fuq Flus Kontanti, sa Ġunju 2024, u kull 5 snin wara dan, il-Kummissjoni, abbażi tal-informazzjoni li tirċievi regolarment mill-Istati Membri, jeħtieġilha tissottommetti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament.

Dan ir-rapport se jindirizza l-punti kollha taħt l-Artikolu 19, jiġifieri jekk:

- (a) *fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament [humiex] inklużi assi oħra;*
- (b) *il-proċedura tad-divulgazzjoni għal flus kontanti mhux akkumpanjati hijiex effettiva;*
- (c) *il-livell limitu għal flus kontanti mhux akkumpanjati [huwiex] rieżaminat;*
- (d) *il-flussi ta' informazzjoni f'konformità mal-Artikoli 9 u 10 u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali (CIS, Customs Information System), b'mod partikolari, humiex effettivi jew jekk hemmx ostakli għall-iskambju f'waqtu u dirett ta' informazzjoni kompatibbi u komparabbi bejn l-awtoritatijiet kompetenti u mal-FIU;* u
- (e) *il-penali introdotti mill-Istati Membri humiex effettivi, proporzjonati u dissważivi u humiex konformi mal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea*

<sup>(5)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1889/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar kontrolli ta' flus kontanti deħlin fil-Komunità jew ħerġin mill-Komunità, ĠU L 309, 25.11.2005, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2005/1889/oj>.

<sup>(6)</sup> ĠU L 167, 12.5.2021, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2021/776/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/776/oj).

<sup>(7)</sup> Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja (FIU, Financial Intelligence Unit).

*u jekk għandhomx effett deterrenti ekwivalenti mal-Unjoni kollha fuq il-ksur ta' dan ir-Regolament.*

F'konformità mal-Artikolu 19, ir-rapport jinkludi wkoll:

- (a) kompilazzjoni ta' informazzjoni riċevuta mingħand l-Istati Membri dwar flus kontanti relatati ma' attivitajiet kriminali li jaffettaw b'mod negattiv l-interessi finanzjarji tal-Unjoni;
- (b) informazzjoni dwar l-iskambju ta' informazzjoni ma' pajjiżi terzi.

Dan ir-rapport ikopri l-perjodu mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament fit-3 ta' Ġunju 2021 sat-2 ta' Ġunju 2024 (inklużi).

Dan ir-rapport ma jkoprix id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni C(2022)1801 li tistabbilixxi l-kriterji u l-standards komuni tar-riskju tal-movimenti ta' flus kontanti peress li huwa dokument sensittiv, mhux klassifikat u mhux ippubblikat fil-ĠU, kif imsemmi hawn fuq.

## 2.4. Mezzi użati għat-tħejjija tar-rapport

Dan ir-rapport huwa bbażat fuq:

- It-tweġibet tal-Istati Membri għal stħarriġ tal-UE li jkopri l-aspetti kollha tal-implementazzjoni tar-Regolament dwar il-Kontrolli fuq Flus Kontanti;
- informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri matul l-iskambji mal-Kummissjoni, inkluż il-laqgħat tal-Grupp ta' Esperti dwar il-Kontrolli fuq Flus Kontanti;
- informazzjoni pprovduta mid-dipartimenti tal-Kummissjoni;
- data statistika disponibbli fil-modulu tal-flus kontanti tas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali (CIS, Customs Information System) <sup>(8)</sup>;
- informazzjoni pprovduta mill-FIU <sup>(9)</sup>.

## 3. ELEMENTI EWLENIN TAR-REGOLAMENT DWAR IL-KONTROLLI FUQ FLUS KONTANTI

### 3.1. Id-definizzjoni ta' flus kontanti

It-terminu “**flus kontanti**” huwa definit bħala li jinkludi erba’ kategoriji <sup>(10)</sup>:

- munita (karti tal-flus u muniti);
- strumenti neozjabbli għall-portatur (eż. ċekkijiet tal-vjaġġatur, ċekkijiet, ċedoli jew money orders);

<sup>(8)</sup> Is-CIS tinkludi wkoll data dwar każijiet relatati mar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, peress li r-Regolament dwar il-Kontrolli fuq Flus Kontanti jkompli japplika fir-Renju Unit skont l-Artikolu 5 u l-Anness 2 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq tal-Qafas ta' Windsor.

<sup>(9)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 91/308/KEE stabbiliet obbligu li kwalunkwe tranżazzjoni suspettuża tiġi rrappurtata lill-FIU. L-FIU ies-ġew stabbiliti bħala ċentri biex jivvalutaw tali tranżazzjonijiet, jinteraġixxu mal-kontropartijiet tagħhom f'pajjiżi oħra u, fejn meħtieġ, jikkuntattjaw lill-awtoritajiet ġudizzjarji.

<sup>(10)</sup> L-Artikolu 2(1)(a) tar-Regolament (UE) 2018/1672.

- komoditajiet użati bħala ħażniet likwidi ħafna ta' valur kif elenkti fil-punt 1 tal-Anness I tar-Regolament dwar il-Kontrolli fuq Flus Kontanti (jiġifieri muniti b'kontenut ta' deheb ta' mill-inqas 90 % u metall ta' valur bħal lingotti, biċċiet jew ċapep b'kontenut ta' deheb ta' mill-inqas 99,5 %);
- kards bi ħlas antiċipat li huma kards mhux nominattivi li jaħżnu jew jipprovdu aċċess għal valur monetarju jew fondi<sup>(11)</sup>.

### **3.2. L-obbligu li jiġu ddikjarati flus kontanti (dikjarazzjoni ta' flus kontanti)**

**Obbligu ta' dikjarazzjoni** huwa impost fuq persuni fiżiċi li jidħlu fl-UE jew joħorġu mill-UE<sup>(12)</sup> li jġorru flus kontanti ta' valur ta' EUR 10 000 jew aktar fuqhom stess, fil-bagalji tagħhom, jew fil-mezzi tat-trasport. Il-livell tiegħu ġie stabbilit b'tali mod li ma jirrestrinġix il-moviment liberu bla bżonn jew li jpoġġi piżżejjed fuq iċ-ċittadini u l-awtoritajiet b'formalitajiet amministrattivi.

Il-portaturi kkonċernati huma meħtieġa jagħmlu l-flus kontanti disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti għall-ispezzjoni. Jeħtiġilhom jipprovdu l-informazzjoni li ġejja, bil-miktub jew b'mod elettroniku:

- dettalji personali sħaħ, bħall-isem, in-nazzjonaliità u d-data tat-twelid tal-portatur, is-sid u riċevitur intenzjonat tal-flus kontanti;
- il-valur u n-natura tal-flus kontanti, l-oriġini tagħhom, l-użu maħsub tagħhom u l-metodu tat-trasport.

Id-definizzjoni ta' "portatur" teskludi dawk il-portaturi li jwettqu t-trasport professjonal ta' beni jew ta' persuni<sup>(13)</sup>.

### **3.3. L-obbligu li jiġu ddikjarati flus kontanti mhux akkumpanjati (dikjarazzjoni ta' divulgazzjoni)**

Għall-movimenti ta' **flus kontanti mhux akkumpanjati** (jiġifieri flus kontanti deħlin fl-UE jew ħerġin mill-UE f'pakketti postali, konsenji bil-kurrier, bagħalji mhux akkumpanjati jew merkanzja fil-kontejners), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrik jedu li l-ispeditur jew ir-riċevitur, jew rappreżentant tiegħu, jagħmel dikjarazzjoni ta' divulgazzjoni, b'mod sistematiku jew fuq bażi ta' każ b'każ, f'konformità mal-proċeduri nazzjonali. L-obbligu ta' divulgazzjoni ta' flus kontanti mhux akkumpanjati huwa soġġett għal livell limitu ta' EUR 10 000, l-istess bħal dak applikat għal persuni li jġorru flus kontanti.

### **3.4. Ammonti taħt il-livell limitu**

Ir-Regolament dwar il-Kontrolli fuq Flus Kontanti jipprevedi wkoll ir-reġistrazzjoni ta' informazzjoni dwar il-movimenti ta' flus kontanti taħt il-livell limitu stabbilit, jekk ikun hemm

---

<sup>(11)</sup> Għalkemm inklużi fid-definizzjoni ta' flus kontanti stabbilita fir-Regolament dwar il-Kontrolli fuq Flus Kontanti, il-kards bi ħlas antiċipat bħalissa mhumiex soġġetti għar-regoli dwar il-movimenti tal-kontrolli tal-flus kontanti minħabba l-fatt li l-punt rilevanti fl-Anness I tar-Regolament dwar il-Kontrolli fuq Flus Kontanti jsemmi: P.M. (*pro memoria*).

<sup>(12)</sup> L-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1672.

<sup>(13)</sup> L-Artikolu 2(1)(h) tar-Regolament (UE) 2018/1672.

indikazzjonijiet ta' attivit  kriminali f'dawn il-movimenti<sup>(14)</sup>. Din l-informazzjoni ti  kondivi za mal-FIU rispettiva u mal-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri o ra.

### **3.5. Kapa it  ta'  amma ta' flus kontanti temporanjament g al investigazzjonijiet ulterjuri**

L-awtoritajiet kompetenti huma intitolati **j ommu flus kontanti temporanjament**<sup>(15)</sup> f ċerti  irkostanzi, u f'konformit  mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-l gi nazzjonali:

- l-ewwel nett, meta l-obbligu ta' dikjarazzjoni jew ta' divulgazzjoni ta' flus kontanti ma jkunx g ie ssodisfat; u
- it-tieni, meta jkun hemm indikazzjonijiet ta' attivit  kriminali, irrispettivamente mill-ammont jew jekk il-flus kontanti jkunux akkumpanjati jew mhux akkumpanjati.

Il-perjodu ta'  amma huwa limitat g a - mien minimu absolut li awtoritajiet kompetenti o ra je tieġ li jiddeterminaw jekk hemmx ra unijiet g al azzjonijiet ulterjuri, b hal investigazzjonijiet jew sekwestru tal-flus kontanti abba i ta' strumenti legali o ra. Dan il-perjodu huwa stabbilit bir-Regolament dwar il-Kontrolli fuq Flus Kontanti u ma jistax jaqbe  it-30 jum. Dan jista' ji  est z g hal massimu ta' 90 jum f'ka ijiet speċifiċi u vvalutati kif xiera .

### **3.6. Skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u mal-Kummissjoni**

Sabiex ti   gurata kooperazzjoni effettiva, ir-Regolament dwar il-Kontrolli fuq Flus Kontanti jipprevedi **l-iskambju bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri** tal-informazzjoni li  ejja: (i) id-dikjarazzjoni jekk hemmx ra unijiet *ex officio*<sup>(16)</sup>; (ii) il-ka ijiet ta' ammonti taħt il-livell limitu; (iii) id-dikjarazzjoni u d-dikjarazzjoni jekk hemmx ra unijiet ta' divulgazzjoni, meta jkun hemm indikazzjoni li l-flus kontanti huma relatati ma' attivit  kriminali; u (iv) l-informazzjoni anonimizzata dwar ir-riskju u r-ri ultati tal-analiżi tar-riskju.

Barra minn hekk, meta jkun hemm indikazzjoni li l-flus kontanti huma relatati ma' attivit  kriminali li tista' taffettwa b'mod negattiv l-interessi finanzjarji tal-UE, l-informazzjoni rilevanti trid ti  kondivi za wkoll mal-Kummissjoni, mal-Uff ċju tal-Prosekuratur Pubbliku Ewropew u mal-Europol meta jkunu kompetenti biex ja ixxu.

Ġie  viluppat modulu Speċifiku fi  dan is-CIS g all-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Kontrolli fuq Flus Kontanti u biex jippermetti l-iskambju ta' informazzjoni. Dan il-modulu huwa ġestit mill-Uff ċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF, European Anti-Fraud Office).

### **3.7. Informazzjoni li g andha tintbag at lill-Unit  tal-Intelligence Finanzjarja (FIU, Financial Intelligence Unit)**

---

<sup>(14)</sup> L-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2018/1672.

<sup>(15)</sup> L-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2018/1672.

<sup>(16)</sup> j iġifieri f'ka  fejn l-obbligu ta' dikjarazzjoni ta' flus kontanti akkumpanjati skont l-Artikolu 3 jew l-obbligu ta' divulgazzjoni ta' flus kontanti mhux akkumpanjati skont l-Artikolu 4 ma jkunx g ie ssodisfat, l-awtoritajiet kompetenti jiffurmaw, bil-miktub jew f'forma elettronika, dikjarazzjoni *ex officio* li jkun fiha sa fejn ikun possibbi d-dettalji me tieġa.

L-awtoritajiet kompetenti li jiġbru l-informazzjoni skont ir-Regolament dwar il-Kontrolli fuq Flus Kontanti jeħtiġilhom **jibagħtuhha fil-ħin** lill-FIU nazzjonali biex tkun tista' ssir analiżi ulterjuri u sabiex l-informazzjoni tkun tista' titqabbel ma' data oħra kif previst fid-Direttiva (UE) 2015/849 (¹⁷).

### 3.8. Penali

Sabiex **tithegħeg il-konformità** u tiġi skoragħguta ċ-ċirkomvenzjoni, l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1672 jirrikjedi li l-Istati Membri jintroduċu **penali għan-nuqqas ta' konformità** mal-obbligi ta' dikjarazzjoni jew divulgazzjoni ta' flus kontanti. Dawk il-penali ma għandhomx iqisu l-attività kriminali potenzjali assoċjata mal-flus kontanti, li tista' tkun is-suġġett ta' investigazzjoni ulterjuri u miżuri li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (¹⁸).

Dawk il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi, u ma jmorrx l'il hinn minn dak li jkun meħtieġ sabiex tithegħeg il-konformità. Il-penali introdotti mill-Istati Membri għandu jkollhom effett deterrenti ekwivalenti fl-UE kollha fuq il-ksur tar-Regolament dwar il-Kontrolli fuq Flus Kontanti.

### 3.9. Formola ta' dikjarazzjoni armonizzata

Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tal-kontrolli u l-ipproċessar, it-trażmissjoni u l-analiżi effiċjenti tad-dikjarazzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti, ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/776 jistabbilixxi mudelli għal:

- id-dikjarazzjoni ta' flus kontanti u l-folja addizzjonali rilevanti;
- id-dikjarazzjoni ta' divulgazzjoni ta' flus kontanti u l-folja addizzjonali rilevanti;
- il-formola għall-użu uffiċjali (li għandha timtela u tiġi meħmuża mad-dikjarazzjonijiet *ex officio* skont l-Artikolu 5(3)), l-irkupru tal-informazzjoni skont l-Artikolu 6(1) u (2) u dd-dikjarazzjonijiet miksuba skont l-Artikoli 3 u 4 meta jkun hemm indikazzjonijiet ta' attività kriminali;
- it-trażmissjoni ta' informazzjoni anonimizzata dwar ir-riskju u r-riżultati tal-analiżi tar-riskju.

### 3.10. Kampanji ta' informazzjoni

Sabiex **tiżdied is-sensibilizzazzjoni** dwar l-obbligi stabbiliti fir-Regolament dwar il-Kontrolli fuq Flus Kontanti, l-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, jeħtiġilhom jiżviluppaw materjali ta' informazzjoni xierqa dwar l-obbligu ta' dikjarazzjoni jew divulgazzjoni ta' flus kontanti (¹⁹).

### 3.11. Novitajiet ewlenin stabbiliti bir-Regolament (UE) 2018/1672

(¹⁷) L-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2018/1672.

(¹⁸) Il-premessa 35 tar-Regolament (UE) 2018/1672.

(¹⁹) L-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2018/1672.

In-novitajiet ewlenin tar-Regolament dwar il-Kontrolli fuq Flus Kontanti huma:

- **definizzjoni estiża ta' flus kontanti** biex tkopri wkoll komoditajiet użati bħala ħażniet likwidi ħafna ta' valur (deheb) u kards bi ħlas antiċipat kemm għal flus kontanti akkumpanjati kif ukoll mhux akkumpanjati (f'konsenji tal-merkanzija u postali);
- **żieda fil-kondiżjoni tal-informazzjoni** bejn l-awtoritajiet kompetenti u bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-FIU;
- dispożizzjoni biex **is-sistema tal-IT** tintuża għal tali skambji;
- is-setgħat mogħtija lill-awtoritajiet kompetenti biex jaġixxu fuq ammonti aktar baxxi ta' flus kontanti jekk jissuspettar **rabta ma' attivitajiet kriminali**;
- is-setgħat mogħtija lill-awtoritajiet kompetenti biex jirrikjedu li l-ispeditur jew ir-riċevit (jew rappreżentant tiegħu) jagħmel **dikjarazzjoni ta' divulgazzjoni** għal flus kontanti deħlin fl-Unjoni jew ġerġin mill-Unjoni f'pakketti postali, konsenji bil-kurrier, bagalji mhux akkumpanjati, jew merkanzija fil-kontejners (movimenti ta' flus kontanti mhux akkumpanjati).

#### **4. VALUTAZZJONI TAL-IMPLEMENTAZZJONI TAR-REGOLAMENT DWAR IL-KONTROLI FUQ FLUS KONTANTI MILL-ISTATI MEMBRI**

##### **4.1. Kampanji ta' informazzjoni**

Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, organizzat kampanja kbira ta' informazzjoni madwar l-Unjoni Ewropea biex tappoġġa l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Kontrolli fuq Flus Kontanti u biex tinforma lill-publiku tal-UE u lill-vjaġġaturi fl-UE dwar l-obbligi tagħhom.

Il-Kummissjoni għamlet disponibbli materjali ddedikati għall-kampanja għall-Istati Membri kollha, inkluż skedi informativi, infografika, posters u films qosra sottotitolati fil-lingwa rilevanti. Il-materjali kollha ġew tradotti fi 30 lingwa (<sup>(20)</sup>) biex tiġi żgurata kopertura wiesgħa (<sup>(21)</sup>).

##### **4.2. Flus kontanti akkumpanjati**

Ġew ippreżentati 310 042 dikjarazzjoni ta' flus kontanti matul il-perjodu kopert minn dan ir-rapport. 23 097 każ bi ksur ġew innotifikati fil-Flus Kontanti tas-CIS+ (jiġifieri każijiet fejn jew ma saret l-ebda dikjarazzjoni, jew l-informazzjoni pprovduta ma kinitx kompluta jew korretta jew kien hemm indikazzjonijiet li l-flus kontanti kienu relatati ma' attivitā kriminali).

Il-proċedura tad-dikjarazzjoni għal flus kontanti akkumpanjati għiet implementata mill-Istati Membri kollha skont ir-riżultati statistiċi ppreżentati fiċ-Ċart 2 fl-Anness A. Għall-perjodu bejn l-2022 u l-2023, il-Polonja, il-Ġermanja u Franza kienu jirrappreżentaw 57 % tal-każijiet ta' flus kontanti akkumpanjati rrappurtati.

---

<sup>(20)</sup> AR, BG, CH, CS, DA, DE, EL, EN, ES, ET, FI, FR, GA, HI, HR, HU, IT, JP, LT, LV, MT, NL, PL, PT, RO, RU, SE, SK, SL, TR.

<sup>(21)</sup> Ara, pereżempju, l-iskeda informativa [Kunu infurmati permezz tal-aħħar regoli tal-Kontroll tal-Flus Kontanti!](#)

Skont ir-riżultati tal-istħarriġ, l-Istati Membri jqisu l-proċedura tad-dikjarazzjoni ta' flus kontanti bħala effettiva u jagħtuha valutazzjoni pożittiva (65 % kklassifikawha bħala tajjeb ħafna, 30 % bħala tajjeb, u 5 % bħala mhux ħażin).

Il-biċċa l-kbira ta' dawk li wieġbu qablu dwar il-punti li ġejjin.

- Ir-Regolament dwar il-Kontrolli fuq Flus Kontanti jagħti lill-awtoritajiet doganali s-setgħa li jwaqqfu u jżommu l-flus kontanti meta jkun hemm indikazzjonijiet li dawk il-flus ikunu relatati ma' attivitajiet kriminali.
- Il-proċedura tad-dikjarazzjoni hija affidabbli fl-iskoperta ta' movimenti transfruntiera ta' flus kontanti.
- Il-proċedura tad-dikjarazzjoni tippermetti lill-awtoritajiet doganali jiġbru informazzjoni biex jidtegħi kaw minn il-movimenti il-leċċi ta' flus kontanti. Il-firxa wiesha ta' informazzjoni miġbura hija partikolarmen utli għal investigazzjonijiet sussegamenti.

Madankollu, żewġ Stati Membri rrimmarkaw li l-proċedura tista' tittejjeb; wieħed minnhom semma spċificament il-kwalità baxxa tad-data pprovduta mill-portaturi fid-dikjarazzjoni ta' flus kontanti tagħhom.

#### **4.3. Flus kontanti mhux akkumpanjati**

Ġew ippreżentati 6 532 dikjarazzjoni ta' flus kontanti matul il-perjodu kopert minn dan ir-rapport, u 102 ksur relatati ma' din il-proċedura ġew innotifikati fil-Flus Kontanti tas-CIS+. Kien hemm 6 Stati Membri li ma rreġistrax l-ebda dikjarazzjoni ta' divulgazzjoni ta' flus kontanti għall-perjodu bejn l-2022 u l-2023 (il-Belġju, l-Irlanda, Malta, is-Slovenja, il-Finlandja, l-İzveċja).

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri li wieġbu għall-istħarriġ kellhom stampa kważi pożittiva tal-proċedura tad-divulgazzjoni ta' flus kontanti mhux akkumpanjati (6 kklassifikawha bħala tajjeb, 11 bħala mhux ħażin u 3 bħala ħażin). Huma jqisu li dan jippermetti kontroll aħjar tal-movimenti ta' flus kontanti u li jiffunzjona b'mod effiċjenti. Xi Stati Membri esprimew il-fehma li l-proċedura hija effettiva peress li hija bbażata fuq analiżi tar-riskju aktar milli fuq is-sottomissjoni obbligatorja tad-dikjarazzjoni ta' divulgazzjoni ta' flus kontanti.

Madankollu, l-Istati Membri esprimew it-tliet riżervi li ġejjin.

- Il-proċedura tad-divulgazzjoni ta' flus kontanti mhux akkumpanjati hija b'mod amministrattiv kumplessa;
- L-iskadenza ta' 30 jum għas-sottomissjoni tad-dikjarazzjoni ta' divulgazzjoni fuq talba mill-awtoritajiet doganali hija twila wisq;
- L-analiżi tar-riskju jeħtieġ li tiġi rfinuta biex tkun effettiva.

Stat Membru wieħed osserva li l-fatt li d-divulgazzjoni ta' flus kontanti mhux akkumpanjati hija biss fuq talba u mhux obbligatorja fil-każijiet kollha jagħmel il-kontrolli doganali aktar diffiċli. Dak l-Istat Membru żied ukoll li, fil-fehma tiegħu, iċ-ċifri tal-azzjonijiet internazzjonali juru li r-riskju ta' trasport mhux akkumpanjat ta' flus kontanti f'konsenji postali, f'pakketti u bil-kurrier huwa inqas minn dak inizjalment preżunt.

#### **4.4. Użu tal-Flus Kontanti tas-CIS mill-awtoritajiet kompetenti**

L-awtoritajiet kompetenti jibagħtu l-informazzjoni rilevanti li għandha tiġi rreġistrata fis-CIS bil-mod li ġej:

- (a) billi jdaħħlu l-informazzjoni manwalment permezz tal-interfaċċa tal-web tal-utent tas-CIS; jew
- (b) billi jesportaw l-informazzjoni mis-sistema/i nazzjonali tagħhom u jimportawha fis-CIS bl-użu tal-format tad-data XML tas-CIS; jew
- (c) billi jqabbd s-sistema/i nazzjonali tagħhom direttament mas-CIS permezz ta' interfaċċa bejn sistema u oħra pprovduta mis-CIS.

L-amministrazzjonijiet doganali ta' 11-il Stat Membru qabbd s-sistemi nazzjonali tagħhom direttament mas-CIS permezz ta' interfaċċa bejn sistema u oħra pprovduta mis-CIS (il-Belġu, il-Bulgarija, l-Estonja, il-Greċċa, Franzja, il-Latvja, Malta, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, l-Iżvezja). Għalkemm ingħataw aċċess permezz ta' din l-interfaċċa bejn sistema u oħra, żewġ Stati Membri (iċ-Ċekja u l-Ġermanja) sa issa ma użawx is-sistema. Tabilħaqq, il-Ġermanja ddikjarat li bħalissa qed tuża fajl Excel żviluppat fil-livell federali biex tirrapporta data dwar il-flus kontanti. Madankollu, bħalissa qed jiġi żviluppat aċċess awtomatiku mill-Ġermanja. Iċ-Ċekja wiegħbet li l-konnessjoni bejn is-sistema nazzjonali tagħha u s-CIS ma kinitx għadha disponibbli fiż-żmien tal-istħarriġ.

Rigward l-iskambji tad-data permezz tas-CIS, l-Istati Membri li pparteċipaw fl-istħarriġ indikaw l-esperjenza ġeneralment pożittiva tagħhom bl-iskambju tad-data (ara c-Ċart 4 fl-Anness B). Huma jqis u l-modulu tal-Flus Kontanti tas-CIS+ bħala “sistema faċċi biex tintuża”, li tippermetti l-ipproċċesar bla xkiel tad-data. Stat Membru wieħed iddikjara li l-modulu tal-Flus Kontanti tas-CIS+ huwa sors ewljeni ta' informazzjoni għall-identifikazzjoni u l-analiżi ta' każijiet suspettati ta' ħasil tal-flus.

Madankollu, xi Stati Membri semmew li kienu ltaqgħu ma' sfidi meta ttrasferew l-informazzjoni mis-sistemi nazzjonali tagħhom għas-CIS. Żewġ Stati Membri indikaw li meta jiltaqgħu ma' ksur, id-data għandha tiddaħħal manwalment darbtejn minflok ma tiġi ttrasferita awtomatikament mill-modulu tal-Flus Kontanti tas-CIS+ għall-modulu tal-Frodi tas-CIS+. Il-Kummissjoni hija konxja ta' din il-kwistjoni li qed timpedixxi l-implementazzjoni tal-kunċett ta' “qabda waħda/rapport wieħed”. Id-diffikultà tirriżulta mill-fatt li ż-żewġ moduli huma bbażati fuq bażżejjiet legali differenti. Bħalissa għaddejjin sforzi biex din tiġi solvuta.

Barra minn hekk, tliet Stati Membri (Spanja, l-Italja u s-Slovenja) għadhom qed isibu diffikultajiet bit-trażmissjoni diretta ta' informazzjoni speċifika lill-modulu tal-Flus Kontanti tas-CIS+, minħabba kwistjonijiet tekniċi interni. It-tlieta li huma rrappurtaw li qed jaħdmu biex isibu soluzzjoni.

#### **4.5. Aċċess tal-FIU għad-data**

L-istħarriġ wera li għalkemm ir-Regolament dwar il-Kontrolli fuq Flus Kontanti jipprevedi b'mod ċar li t-trażmissjoni ta' informazzjoni mill-FIUs nazzjonali trid titwettaq permezz tal-modulu tal-Flus Kontanti tas-CIS+(<sup>22</sup>), u mhux l-FIUs tal-Istati Membri kollha għad għandhom aċċess għalihi. Tabilħaqq, 20 Stat Membru biss kelhom aċċess fiż-żmien tal-istħarriġ.

Mill-FIUs tal-Istati Membri mingħajr aċċess għall-modulu tal-Flus Kontanti tas-CIS+:

---

(<sup>22</sup>) L-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2018/1672 jipprevedi li l-awtoritajiet kompetenti jeħtiġilhom jibagħtu informazzjoni dwar dikjarazzjonijiet ta' flus kontanti, dikjarazzjonijiet ta' divulgazzjoni, dikjarazzjonijiet *ex officio* u ammonti taħt il-livell limitu suspettati li huma relatati ma' attivitā kriminali lill-FIUs permezz tal-modulu tal-flus kontanti disponibbli fis-CIS.

- 3 Stati Membri spjegaw li bħalissa kienu qed jistabbilixxu l-konnessjoni mal-modulu tal-Flus Kontanti tas-CIS+;
- Stat Membru wieħed spjega li, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu, l-amministrazzjoni doganali tiegħu tikkondividli informazzjoni skont ir-Regolament dwar il-Kontrolli fuq Flus Kontanti mal-FIU permezz ta' għoddha nazzjonali;
- Stat Membru wieħed spjega li minħabba kwistjonijiet tekniċi, l-FIU nazzjonali ma tistax taċċessa d-data tas-CIS.

#### **4.6. Penali**

L-Istati Membri jeħtiġilhom jiddistingwu b'mod ċar bejn il-penali imposti biss għan-nuqqas ta' dikjarazzjoni jew divulgazzjoni ta' flus kontanti skont ir-Regolament dwar il-Kontrolli fuq Flus Kontanti u l-penali li jistgħu jimponu għal attivitajiet kriminali. L-Istati Membri kollha stabbilew penali għan-nuqqas ta' konformità mal-obbligu ta' dikjarazzjoni ta' flus kontanti akkumpanjati jew l-obbligu ta' divulgazzjoni ta' flus kontanti mhux akkumpanjati.

Skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali differenti, ġew stabbiliti diversi penali. Xi Stati Membri (il-Belġju, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, Franzja, il-Kroazja, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Ungernja, Malta, l-Awstrija, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Iż-vezja) stabbilew biss penali amministrattivi, mingħajr ma imponew penali kriminali (ara t-Tabella 1 fl-Anness B). Il-penali amministrattivi jikkonsistu fi:

- ammont li għandu jiġi ssekwestrat, b'livell minimu u massimu stabbilit;
- u/jew
- multa, b'livell minimu u massimu stabbilit;
- u/jew
- perċentwal stabbilit tal-ammont ta' aktar minn EUR 10 000 li għandu jiġi ssekwestrat, skont kundizzjonijiet speċifiċi previsti fir-Regolament dwar il-Kontrolli fuq Flus Kontanti;
- u/jew
- multa, bl-ammont jiddependi mill-kategorija jew mill-istatus legali tal-persuna.

Il-Bulgarija, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, in-Netherlands u l-Portugall jimponu kemm penali kriminali kif ukoll amministrattivi. Żewġ Stati Membri (l-Irlanda u Ċipru) jimponu biss penali kriminali.

#### **4.7. Skambji ta' informazzjoni ma' pajjiżi mhux tal-UE**

L-Istati Membri jew il-Kummissjoni jistgħu, taħt assistenza amministrattiva reċiproka, jibagħtu l-informazzjoni li ġejja lil pajjiż mhux tal-UE, soġġett għall-awtorizzazzjoni bil-miktub tal-awtorità kompetenti li oriġinarjament tkun kisbet l-informazzjoni, dment li tali trażmissjoni tikkonforma mal-liġi nazzjonali u tal-UE rilevanti dwar it-trasferiment ta' data personali lil pajjiżi mhux tal-UE:

- (a) id-dikjarazzjonijiet *ex officio* magħmula skont l-Artikolu 5(3);

- (b) l-informazzjoni miksuba skont l-Artikolu 6;
- (c) id-dikjarazzjonijiet miksuba skont l-Artikolu 3 jew 4, meta jkun hemm indikazzjonijiet li l-flus kontanti huma relatati mal-ħasil tal-flus jew mal-finanzjament tat-terroriżmu.

Barra minn hekk, kwalunkwe trażmissjoni ta' informazzjoni bħal din mill-Istati Membri trid tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni.

Skont l-istħarriġ, total ta' 85 skambju ta' informazzjoni ma' pajjiżi mhux tal-UE twettqu minn 7 Stati Membri mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar il-Kontrolli fuq Flus Kontanti. Aktar minn 90 % tal-iskambji kienu mal-Ukraina u mar-Renju Unit. Saru għadd iżgħar ta' skambji mal-Każakistan, it-Turkija, u l-Istati Uniti – ara c-Ċart 5 fl-Anness B.

#### **4.8. Flus kontanti relatati ma' attivitajiet kriminali li jaffettwaw b'mod negattiv l-interessi finanzjarji tal-UE**

Skont ir-Regolament dwar il-Kontrolli fuq Flus Kontanti, meta jkun hemm indikazzjonijiet li l-flus kontanti huma relatati ma' attivitāt kriminali li tista' taffettwa b'mod negattiv l-interessi finanzjarji tal-UE, l-informazzjoni rreġistrata mill-awtoritajiet kompetenti, issir disponibbli għall-Kummissjoni, għall-Uffiċċju tal-Prosekkur Pubbliku Ewropew u għall-Europol, meta jkunu rispettivament kompetenti biex jaġixxu, b'segwitu għall-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra. L-interessi finanzjarji tal-UE huma “d-ħul, nefqiet u assi kollha koperti minn, akkwistati permezz ta', jew dovuti lil, il-baġit tal-Unjoni u l-baġits tal-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċċi u aġenziji stabbiliti taħt it-Trattati u l-baġits amministrati u mmonitorjati minnhom” (23).

14-il Stat Membru rrappurtaw 23 każ bħal dan lill-Kummissjoni għall-perjodu ta' rappurtar. Il-każijiet kollha jikkonċernaw flus kontanti akkumpanjati u huma maqsuma kważi b'mod ugħali bejn każijiet li jinvolvu flus kontanti li jidħlu fl-UE (11-il każ) u każijiet ta' flus kontanti li joħorġu mill-UE (12-il każ).

#### **4.9. Titjib meħtieġ fl-implementazzjoni ta' ċerti miżuri mill-Istati Membri**

- Xi FIUs tal-Istati Membri għad ma għandhomx aċċess għall-modulu tal-Flus Kontanti tas-CIS+ jew mħumiex qed jużawħ biex jittrażmettu l-informazzjoni rilevanti. Din is-sitwazzjoni tqajjem xi tħassib peress li tirrappreżenta nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni u l-objettiv tagħha, peress li l-iskambju ta' informazzjoni qed isir barra mill-qafas leġiżlattiv previst. Il-Kummissjoni fakkret lill-Istati Membri f'diversi okkażjonijiet dwar ir-rekwiżit li jikkonformaw mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2018/1672.
- Fir-rigward tas-sanzjonijiet, l-aħħar rapporti ta' evalwazzjoni reċiproka tal-FATF, is-sanzjonijiet ta' xi Stati Membri mħumiex dissawazivi bizzżejjed. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja, eżaminat il-mekkaniżmi nazzjonali ta' sanzjonijiet adottati għall-implementazzjoni tal-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1889/2005. Il-problema opposta, jiġifieri s-sanzjonijiet eċċessivi, hija wkoll ta' tħassib. Skont is-sentenza tagħha

---

(23) L-Artikolu 2(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekkur Pubbliku Ewropew (“l-UPPE”), ġu L 283, 31.10.2017.

fil-Kawża C-255/14<sup>(24)</sup>, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li multa ekwivalenti għal 60 % tal-ammont ta' flus kontanti mhux iddikjarati ta' aktar minn EUR 50 000 ma tidhix li hija proporzjonata peress li tali multa tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex tiġi żgurata l-konformità ma' dak l-obbligu u t-twettiq tal-objettivi segwiti minn dak ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom iqisu din il-ġurisprudenza kif ukoll ir-rapporti ta' evalwazzjoni reċiproka tal-FATF.

- L-Istati Membri nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-iskambju ta' informazzjoni tagħhom ma' pajjiżi mhux tal-UE reċentement biss, wara talba speċifika mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni fakkret lill-Istati Membri f'diversi okkażjonijiet dwar l-obbligu tagħhom li jinnotifikaw minnufih kwalunkwe skambju ta' informazzjoni ma' pajjiż mhux tal-UE. Biex tiffaċilita n-notifikasi mill-Istati Membri, il-Kummissjoni ġejjet u kkondividiet mudell komuni li jista' jintuża fuq bażi volontarja; dan diġà qed jintuża minn xi Stati Membri.
- Fir-rigward tar-rappurtar obbligatorju dwar każijiet li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv l-interess finanzjarju tal-Unjoni, l-informazzjoni rrappurtata mill-Istati Membri kienet jew skorretta jew mhux kompluta. Ir-rappurtar li sar mill-Istati Membri ta' dawk il-każijiet jeħtieġ li jittejjeb.

## 5. VALUTAZZJONI TAL-ĦTIEĠA LI JIĠI EMENDAT IR-REGOLAMENT DWAR IL-KONTROLLI FUQ FLUS KONTANTI

### 5.1. Kamp ta' applikazzjoni: analiżi ta' assi oħra li potenzjalment għandhom jiġu inklużi

#### 5.1.1. Riżultati tal-istħarriġ dwar id-definizzjoni ta' flus kontanti

Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati biex jiġi emendat l-Anness I ġiet iddelegata lill-Kummissjoni. Dan isir għal żewġ raġunijiet, jiġifieri: (i) li tadatta fil-pront għal bidlet futuri tal-istandardi internazzjonali tal-FATF; u (ii) biex tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni tar-Regolament permezz tad-dipendenza fuq komoditajiet użati bħala ħażniet likwidli ħafna ta' valur jew fuq kards bi ħlas antiċipat. Bħala parti mill-istħarriġ, l-Istati Membri ġew mistoqsija dwar il-merti tal-inklużjoni ta' assi oħra fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament. 14-il Stat Membru minn 20 li lestew l-istħarriġ wieġbu li l-lista ta' assi attwalment koperti mid-definizzjoni hija bizzżejjed. Madankollu, xi Stati Membri għamlu suġġerimenti għal emendi għal-lista (ara ċ-ċart 6 fl-Anness B). Dawn l-emendi ssuġġeriti huma stabbiliti fil-ħames punti ta' hawn taħt.

- Erba' Stati Membri pproponew li jiżdiedu kards bi ħlas antiċipat.
- Sitt Stati Membri pproponew li jiżdiedu komoditajiet oħra użati bħala ħażniet likwidli ħafna ta' valur bħal haġgar preżżjuż, metalli u liġi prezżjużi, kif ukoll “oġġetti ta' lussu” ta' valur għoli bħal arloggji tal-idejn, ġojjellerija, jew metalli prezżjużi (eż. platinu) u haġgar (eż. djamanti).
- Stat Membru wieħed ippropona li jiżdiedu l-kriptovaluti<sup>(25)</sup>.

<sup>(24)</sup> Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Lulju 2015, *Robert Michal Chmielewski v Nemzeti Adó- és Vámvilával Dél-alföldi Regionális Vám- és Pénzügyőri Főigazgatósága*, il-Kawża C-255/14, ECLI:EU:C:2015:475.

<sup>(25)</sup> Il-premessa 13 tar-Regolament (UE) 2018/1672. “Minkejja l-livell għoli ta' riskju li jippreżentaw il-muniti virtwali, kif evidenċjat fir-rapport tal-Kummissjoni tas-26 ta' Ġunju 2017 dwar il-valutazzjoni tar-riskji tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu li jaffettwaw is-suq intern u li huma relatati

- Stat Membri wieħed issuġġerixxa l-inklużjoni tal-fidda/bronż bl-istess kundizzjonijiet applikabbi bħalissa għall-kontenut ta' deheb.
  - Żewġ Stati Membri ssuġġerew li l-kundizzjoni li tillimita l-applikazzjoni tar-Regolament għal muniti u metall ta' valur b'kontenut ta' deheb oħla minn percēntwal speċifiku għandha titneħħa, u li minflok għandu jintuża l-valur tad-deheb bħala l-unika kundizzjoni rilevanti (daqs jew oħla minn EUR 10 000).

Stat Membru wieħed iddikjara li ż-żieda ta' kards bi ħlas antiċipat tista' tgħin biex jiġu identifikati u miġġielda x-xejriet tal-kunrabandu. Madankollu, skont dak l-Istat Membru, tali żieda għall-Anness I għandha ssir biss wara konsultazzjoni xierqa bejn is-27 Stat Membru u wara li jiġu żviluppati linji gwida ċari fil-livell tal-Unjoni.

Dwar oġġetti ta' valur għoli, Stat Membru wieħed iddikjara li tali oġġetti jiffaċilitaw ukoll il-moviment ta' fondi illeċiti bejn il-fruntieri peress li jistgħu jintużaw bħala sostitut għall-munita. Madankollu, ma kien hemm l-ebda studju jew analiżi ddedikata tar-rilevanza potenzjali tal-kontrolli doganali skont ir-Regolament dwar il-Kontrolli fuq Flus Kontanti dwar dan it-tip ta' froti.

### **5.1.2. Analiżi dwar kards bi ħlas antiċipat u komoditajiet użati bħala ħażniet likwidi ħafna ta' valur**

#### **(a) Analiżi mill-Kummissjoni u mill-Europol**

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li ma hemm l-ebda evidenza ċara li d-definizzjoni ta' flus kontanti jeħtieġ li tīgi emendata. Din il-fehma hija bbażata fuq il-ħidma li saret fil-kuntest tal-valutazzjoni tar-riskju supranazzjonali dwar ir-riskju tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu li jaffettaww is-suq uniku u li huma relatati ma' attivitajiet transfruntiera.

Skont il-Europol, il-kards bi ħlas antiċipat jintużaw biex jitwettqu varjetà ta' reati ekonomiċi u finanzjarji, inkluż il-finanzjament tat-terroriżmu. It-thebddida tirriżulta l-aktar minn kards bi ħlas antiċipat "b'ċirkwit miftuħ", li jinbiegħu fuq l-internet, fl-uffiċċċi tal-posta u fil-ħwienet lokal u li jistgħu jintużaw bħala kards normali ta' debitu jew ta' kreditu. Il-Europol tqis il-kards bi ħlas antiċipat bħala prodotti ta' riskju għoli peress li jistgħu jintużaw b'mod anonimu online jew f'ġuriżdizzjonijiet offshore biex isiru pagamenti fl-UE. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda limitu legali fuq l-għadd ta' kards li persuna tista' tixtri jew fuq min huwa eliġibbli biex jixtri kard.

Il-Valutazzjoni Ewropea tat-Theiddid mill-Kriminalità Finanzjarja u Ekonomika 2023<sup>(26)</sup> tagħti żewġ eżempji tal-użu ta' kards bi ħlas anticiġpat għal skopijiet il-leċċi.

Fl-ewwel eżempju, il-kards bi ħlas antiċipat jintużaw biex jitwettaq frodi romantika. Fit-tieni eżempju, flimkien mal-vawċers kriptografiċi, il-kards bi ħlas antiċipat jintużaw biex ir-rikavati minn attivitā kriminali jiġu diretti lejn pjattaformi tal-logħob tal-azzard tal-criptovaluti ospitati f'għuriżdizzjonijiet mhux tal-UE fejn it-tranżazzjonijiet huma diffiċli biex jiġu traċċati.

Minkejja li l-kards bi ħlas antiċipat huma magħrufa bħala metodu ta' pagament b'riskju għoli fil-kuntest tal-ħasil tal-flus, il-Kummissjoni u l-Europol ma rrappurtaw l-ebda każ ta' użu illeċitu ta' kards bi ħlas antiċipat li jinvolvu l-moviment fiżiku transfruntier ta' persuni jew it-trasport permezz ta' kurrieri jew pakketti.

ma' attivitajiet transfruntiera, l-awtoritajiet doganali ma għandhomx il-kompetenza biex ijs-sorġ jidher".

<sup>(26)</sup> Ara The Other Side of the Coin: An Analysis of Financial and Economic Crime | Europol.

## **(b) Analiżi mill-FIUs tal-Istati Membri**

L-FIUs tal-Istati Membri ġew mistoqsija wkoll jekk kienx hemm evidenza li kards bi ħlas antiċipat jew komoditajiet użati bħala ħażniet likwidi ħafna ta' valur (eskuži muniti b'mill-inqas 90 % deheb u metall ta' valur b'mill-inqas 99,5 % deheb) jintużawx b'mod estensiv għall-ħasil tal-flus. Jekk l-FIUs tabilħaqq kienu jemmnu li kien hemm tali evidenza, huma ġew mistoqsija x'tip ta' evidenza kienu sabu u għal liema tipi ta' kards bi ħlas antiċipat u komoditajiet.

Disa' FIUs tal-Istati Membri pprovdex tweġibet. Abbażi tat-tweġibet tagħhom, ma hemm l-ebda evidenza ċara li l-kards bi ħlas antiċipat jintużaw b'mod estensiv għall-ħasil tal-flus, u b'mod partikolari fil-kuntest ta' persuni li jidħlu fl-UE jew joħorġu mill-UE. Barra minn hekk, huma qalu li fil-prattika, huwa diffiċċi ssir distinzjoni bejn kard bi ħlas antiċipat u tipi oħra ta' kards ta' debitu jew ta' kreditu.

Fir-rigward tal-komoditajiet użati bħala ħażniet likwidi ħafna ta' valur, l-FIUs innutaw li xi drabi l-vjaġġaturi fl-UE jonqsu milli jiddikjaraw ogħetti ta' valur għoli bħal arloġġi lussużi, ġojjellerija, djamanti u kartieri tar-reġistri tal-kriptovaluti. Dan isir biex jiġi evitat li jitħallsu d-dazji u t-taxxi fuq il-valur miżjud waqt l-importazzjoni u jikkostitwixxi l-evażjoni tat-taxxa, li hija differenti mill-ħasil tal-flus.

Għalhekk, għandha titwettaq evalwazzjoni bir-reqqa tal-merti li jiġu inklużi dawn it-tipi ta' assi fl-Anness I, filwaqt li jitqiesu l-kapaċitajiet tal-kontroll doganali.

### **5.2. Livell limitu għal flus kontanti mhux akkumpanjati**

Fl-istħarriġ, l-Istati Membri ġew mistoqsija wkoll jekk iqisux il-livell limitu finanzjarju ta' EUR 10 000 għal flus kontanti mhux akkumpanjati bħala xieraq (ara ċ-ċart 7 fl-Anness B).

Mill-20 Stat Membru li pparteċipaw fl-istħarriġ, 14 biss ipprovdew tweġiba għal din il-mistoqsija. 95 % minnhom qiesu li l-livell limitu kien xieraq u għalhekk ma kellux għalfejn jiġi rieżaminat.

Huma nnutaw ukoll li l-livell limitu huwa magħruf sew mill-kontropartijiet kollha u saħqu li, għall-ammonti ta' flus kontanti taħt il-livell limitu, ir-Regolament dwar il-Kontrolli fuq Flus Kontanti jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għar-reġistrazzjoni tal-informazzjoni rilevanti u ż-żamma tal-flus kontanti għal investigazzjoni ulterjuri jekk ikun hemm sinjal ta' attivit kriminali.

Għalhekk, kien hemm qbil ġenerali biex jinżamm il-livell limitu attwali.

## **6. KONKLUŻJONI**

Abbażi tar-riżultati tal-istħarriġ u tal-informazzjoni l-oħra pprovduta mill-Istati Membri u mid-dipartimenti tal-Kummissjoni, ir-Regolament dwar il-Kontrolli fuq Flus Kontanti għandu prestazzjoni effiċċienti biex jilħaq l-objettivi tiegħi.

L-Istati Membri jqisuh bħala strument legali importanti għall-kontroll tal-moviment fiżiku tal-flus kontanti fil-fruntieri esterni tal-UE u għall-ġlied kontra l-ħasil tal-flus.

Il-flussi ta' informazzjoni jseħħu permezz tal-Modulu tal-Flus Kontanti tas-CIS+, u qed tiġi skambjata informazzjoni komparabbli direttament bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-FIUs fil-ħin. Madankollu, f'xi Stati Membri għad hemm lok għal titjib relatat mal-użu tas-sistema CIS.

Il-proċedura tad-divulgazzjoni li għadha kif ġiet introdotta għal flus kontanti mhux akkumpanjati għandha prestazzjoni tajba bieżżejjed.

Għalissa ma hemmx bżonn li jiġi rivedut il-livell limitu jew li jiġu inklużi assi oħra fl-Anness I tar-Regolament dwar il-Kontrolli fuq Flus Kontanti. Il-Kummissjoni qed timmonitorja mill-qrib xejriet ġodda fil-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, u l-użu possibbli ta' komoditajiet oħra użati bħala ħażniet likwidji ħafna ta' valur u ta' kards bi ħlas antiċipat bħala mezz biex jiġi evitat l-obbligu ta' dikjarazzjoni. Din l-ewwel valutazzjoni ma turi l-ebda ħtieġa li jiġi emendat il-qafas attwali.


## ANNESS A – STATISTIKA ANNWALI DWAR KAŻIJIET TA’ FLUS KONTANTI AKKUMPANJATI U MHUX AKKUMPANJATI

Iċ-ċarts tal-kontrolli tal-flus kontanti li ġejjin huma bbażati fuq:


- id-data estratta mill-modulu tal-Flus Kontanti tas-CIS+ fiż-żmien tal-istħarriġ,
- id-data kkomunikata mill-Stati Membri li għadhom qed isibu diffikultajiet bit-trażmissjoni diretta ta’ informazzjoni speċifika lill-modulu tal-Flus Kontanti tas-CIS+ minħabba kwistjonijiet tekniċi interni.

Dawn ikopru l-perjodi bejn 1/1/2022–31/12/2023 (inklużi).


Iċ-Ċart 1 tippreżenta l-għadd totali ta’ każijiet ta’ flus kontanti mmaniġġjati fil-fruntieri tal-UE. Għall-perjodu ta’ referenza (1/1/2022-31/12/2023), ġew identifikati 226 796 każ mill-awtoritajiet kompetenti bis-setgħa li jimplimentaw ir-Regolament dwar il-Kontrolli fuq Flus Kontanti. Dan jinkludi każijiet bi ksur u mingħajr ksur.



Iċ-Ċart 2 u ċ-Ċart 3 juru l-għadd totali ta’ każijiet għal kull Stat Membru għal flus kontanti akkumpanjati (iċ-Ċart 2) u flus kontanti mhux akkumpanjati (iċ-Ċart 3) għall-perjodu ta’ referenza (1/1/2022–31/12/2023).



**Ċart 3: Għadd totali ta' każijiet ta' flus kontanti mhux akkumpanjati**




Hemm differenza kbira bejn l-għadd totali ta' każijiet ta' flus kontanti akkumpanjati (221 836 inkluż bi ksur) u l-għadd totali ta' każijiet ta' flus kontanti mhux akkumpanjati (4 960 inkluż bi ksur).

Kull sena, il-Kummissjoni tippubblika data statistika f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2018/1672 dwar kontrolli fuq flus kontanti deħlin fl-UE jew ħerġin mill-UE. Dawn ir-rapporti jistgħu jiġu kkonsultati fuq is-sit web tat-TAXUD, fejn tista' tinstab ukoll informazzjoni ġenerali dwar il-kontrolli tal-flus kontanti: [Kontrolli tal-Flus Kontanti – Il-Kummissjoni Ewropea \(europa.eu\)](http://europa.eu).

## ANNESS B – TWEĠIBIET GĦALL-ISTĦARRIĠ


Iċ-ċarts ta' hawn taħt jirrappreżentaw għażla tat-tweġibiet ipprovduti mill-Istati Membri.

Iċ-Ċart 4 turi r-riżultati tal-valutazzjoni li saret mill-Istati Membri li ġadu sehem fl-istħarriġ. Il-valutazzjoni turi kif l-Istati Membri raw l-implementazzjoni tal-Artikoli 9 u 10 tar-Regolament dwar il-Kontrolli fuq Flus Kontanti. Ġeneralment, l-Istati Membri kellhom esperjenza pożittiva bl-iskambju tad-data permezz tal-modulu tal-Flus Kontanti tas-CIS+. Ftit minnhom biss ikklassifikaw aspetti spċċifici tal-esperjenza tagħhom bil-modulu tal-Flus Kontanti tas-CIS+ bħala ħażin jew ħażin ħafna.



Iċ-Ċart 5 turi l-għadd ta' skambji ta' informazzjoni ma' pajjiżi mhux tal-UE dwar każijiet relatati ma' flus kontanti. Il-biċċa l-kbira tal-iskambji ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u pajjiżi mhux tal-UE abbażi tal-Artikolu 11 kienu mar-Renju Unit, mal-Ukrajna u mar-Russja. Ġew irrapportati wkoll ffit skambji mat-Turkija, mal-Istati Uniti, mal-Emirati Għarab Magħquda u mal-Każakstan (8,23 % biss fuq l-iskambji totali ma' pajjiżi mhux tal-UE).

It-Tabella 1 tiġib fil-qosor is-sistemi differenti ta' penali stabbiliti mill-Istati Membri biex jikkonformaw mal-Artikolu 14 tar-Regolament dwar il-Kontrolli fuq Flus Kontanti. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri japplikaw penali amministrattivi.




**Tabella 1: Is-sistemi ta' penali tal-Istati Membri skont ir-Regolament dwar il-Kontrolli fuq Flus Kontanti**

Penali	Stati Membri	Tip ta' penali
<b>Amministrativi</b>	BE, CZ, DK, DE, EL, ES, FR, HR, IT, LU, HU, MT, AT, PL, RO, SI, SK, FI, SE	<ul style="list-style-type: none"> <li>sekwestru ta' ammont speċifiku, b'ammont minimu u/jew massimu stabbilit u/jew</li> <li>multa imposta, b'ammont minimu u/jew massimu stabbilit u/jew</li> </ul>
<b>Amministrativi u kriminali</b>	BG, EE, LV, LT, NL, PT	<ul style="list-style-type: none"> <li>sekwestru tal-ammont ta' aktar minn EUR 10 000, skont ċerti kundizzjonijiet u/jew</li> <li>perçentwal tal-ammont totali tal-flus kontanti mhux iddikjarati jew tal-ammont li jaqbeż il-livell limitu u/jew</li> <li>multa, bl-ammont li jiddependi mill-kategorija ġuridika/l-istatus tal-persuna (persuna ġuridika, proprjetarju uniku jew individwu li jaħdem għal rasu, persuna fížika)</li> </ul>
<b>Kriminali</b>	CY, IE	<ul style="list-style-type: none"> <li>perçentwal tal-valur tal-flus kontanti mhux iddikjarati, jew multa, jew ammont issekwestrat (b'limiti minimi u/jew massimi stabbiliti) u/jew</li> <li>prigunnerija, jiddependi miċ-ċirkostanzi jew</li> <li>prigunnerija jekk l-obbligu ta' dikjarazzjoni ma jiġix issodisfat jew</li> <li>multa</li> </ul>

Iċ-Ċart 6 tiġbor fil-qosor il-proposti magħmula mill-Istati Membri dwar il-ħtieġa li jiġi emendat l-Anness I tar-Regolament dwar il-Kontrolli fuq Flus Kontanti. Fost l-14-il Stat Membru li lestew l-istħarriġ, 43 % jappoġġaw il-proposta li jiżdiedu komoditajiet oħra użati bħala ħażniet likwid ħafna ta' valur u 29 % jappoġġaw il-proposta li jiżdiedu kards bi ħlas antiċipat.

### Ċart 6: Proposti dwar il-modifika tal-Anness I



Iċ-Ċart 7 turi t-twiegibet tal-Istati Membri għall-istħarriġ dwar il-livell limitu ta' EUR 10 000 stabbilit fir-Regolament dwar il-Kontroll fuq Flus Kontanti. Hemm qbil ġenerali li l-livell limitu attwali huwa effettiv u għandu jibqa' l-istess (95 % tweġibiet pożittivi).

### Ċart 7: Valutazzjoni mill-Istati Membri tal-livell limitu attwali

